MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 23/2012

**Maria Dolores Darmanin**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija mill-Arbitru tal-15 ta' Novembru 2011 fejn gie tippronzjata is-segwenti decizjoni:

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkonsidra*

*Illi b'ittra datata 15 ta' Novembru 2011 l-appellanti ġiet informata illi kienet qed tiġi applikata r-rata minima ta' Children's Allowance, u mitluba tirrifondi ħlas eċċessiv magħmul. Dana peress illi ma kkoperatx mal-Ispetturi tad-Dipartiment ta' Frodi ta' Benefiċċji u Investigazzjoni waqt spezzjoni anzi ostakolathom fil-qadi ta' dmirijiethom.*

*Illi b'ittra datata 5 ta' Diċembru 2011, hija interponiet l-appell tagħha.*

*Illi d-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 17 ta' Settembru 2012.*

*Fil-kors ta' spezzjoni fid-dar tar-residenza l-appellanti naqset li tikkopera mal-Ispetturi. Ma hallithomx jaċċedu fid-dar tagħha peress li skont hi kienet tard għax-xogħol.*

*Ic-Children's Allowance hija dipendenti fuq id-dħul tal-familja kollha. Kellha ssir verifika jekk is-sieħeb tagħha – missier it-tfal, kienx residenti hemm. Dan kien jinfluwixxi fuq ir-rata talvolta pagabbli. Una volta li persuna hija benefiċċjarja dan kien jintitolaha li jsir l-aċċess. L-appellanti ma aċċettax.*

*l-appell qed jiġi miċħud."*

L-appell ta' Maria Dolores Darmanin kontra d-decizjoni ta' l-Arbitru hu bazat fuq il-kontenzjoni illi:

1. d-dritt tal-Allowance tat-Tfal huwa dritt ta' kull tifel u mhux dritt tal-kustodju tat-tifel u dana kif stabbilit fl-artikolu 77 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. illi d-deċiżjonijiet tad-Direttur u tal-Arbitru huma illegali peress illi ma tezisti ebda disposizzjoni fil-ligi li tippermetti t-tnaqqis fil-beneficcju moghti f'kaz illi l-beneficcjarju ma ihallix lil xi spettur tad-Dipartiment jaccedi l-fond taht investigazzjoni. Illi l-artikolu 113(4) ta'l-Att jikkontempla is-sanzjoni li ghandha tinghata meta l-ispetturi jigu ostakolati milli jwettqu id-dmirijiethom, liema sanzjoni hija dik tal-multa u mhux it-telfien tal-beneficcju.
3. illi d-decizjoni tad-Direttur kif ukoll tal-Arbitru jmorru kontra d-drittijiet proċedurali tal-appellanti kif ukoll kontra l-prinċipji ta' imġieba amministrattiva tajba, billi l-motivazzjoni li wasslet ghall-istess ma hijiex cara tant illi l-

appellanti giet imcahhda mill-possibilita li twiegeb ghalihom b'mod shih. Dan ukoll ghaliex id-decizjoni tad-Direttur u anke ta'l-Arbitru lanqas jindikaw fuq liema disposizzjoni tal-ligi jistriehu l-istess decizjonijiet.

4. fl-ahharnett kemm id-Direttur kif ukoll l-Arbitru naqsu milli japprezzaw il-ġenwinita tal-każ.

Ghal dak li jiswa, mill-atti tal-kaz quddiem l-Arbitru jistghu jigi senjalati dawn il-fatti:-

Fit-tlettax ta' Jannar 2011, għal ħabta tas-7:00a.m. marru zewġ spetturi tad-Dipartiment id-dar tal-appellanti, li kienet reċipjenti tal-benefiċċju Children's Allowance bir-rata ogħla mir-rata minima. Is-sinjura Darmanin infurmathom illi hija kellha tmur għax-xogħol u li għalhekk ma setgħetx idaħħalhom. Ghalkemm l-ispetturi ippruvaw ifhiemu lill-appellanti dwar l-importanza li issir l-ispezzjoni sabiex tinkiseb informazzjoni dwar il-persuni li kienu jirrisjedu fil-fond u jekk is-sieheb taghha kienx qed ighix hemmhekk, l-appellanti xortawahda baqghet tinsisti li ma reditx lill-ispetturi jidhlu fir-residenza taghha u allura huma spiccaw telqu minn fuq il-post. Fil-15 ta' Novembru 2011 l-appellanti ġiet mgħarrfa illi hija ma kenitx ser tibqa tippercepixxi l-allowance ghat-tfal bir-rata l-gholja izda biss bir-rata fissa u dan in vista tal-fatt illi hija ma ħallietx l-ispezzjoni issir. Kwindi giet mehuda id-decizjoni illi hija tibda tithallas bir-rata fissa ta' 4.81 fil-gimgha u allura kellha tirrifondi l-ammont li tħallset żejjed u cioe' is-somma ta' €795.84 li rċeviet fil-perjodu bejn il-15 ta' Jannar 2011 (id-data meta saret l-ispezzjoni) u l-1 ta' Lulju 2011.

Fl-ewwel aggravju imressaq mill-appellanti hija issostni illi d-dritt tal-Allowance tat-Tfal huwa dritt ta' kull tifel u mhux dritt tal-kustodju tat-tifel. Il-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta f'artikolu 76(1) jistipula illi:

***(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandu jkun id-dritt ta' kull tifel f'kull familja li jkollu allowance imħallsa dwaru lil kap tal-familja li għandu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel, sakemm dak it-tifel ikun it-tifel jew it-tifla tal-kap tal-familja jew tal-konjuġi, u fejn la il-kap tal-familja u lanqas il-konjuġi ma huma il-ġenituri ta' dak it-tifel, id-Direttur ikun sodisfatt li jkun fl-aħjar interess ta' dak it-tifel li jaċċetta lill-kap tal-familja bħala l-kustodju effettiv ta' dak it-tifel u għal dak il-għan id-Direttur jista' jitlob mid-Direttur (Standards għall-Ħarsien Soċjali) li għandu jissottometti fi żmien xahar, rapport, dwar jekk ikun l-aħjar li dak it-tifel ikun ikkonsidrat bħala parti minn dik il-familja.***

***(2) Ir-rata li tapplika tal-allowance imsemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun kif imsemmi fit-Taqsima VI tal-Erbatax-il Skeda u l-kalkolu tal-mezzi fis-sena tal-familja għandu jsir skont kif stipulat fit- Taqsima VII tat-Tieni Skeda.***

Jiġi osservat illi għalkemm *Children's Allowance* huwa fil-fatt dritt ta' kull tifel jew tifla f'familja, ir-rata ta' dan l-*allowance* tvarja u dan skond id-dħul stmat ta' dik il-familja. B'hekk għaldaqstant l-*allowance* għall-familji bi dħul ekwivalenti għall-paga minima ikun ogħla mir-rata fissa, filwaqt illi dawk il-familji bi dħul ogħla għall-paga minima jieħdu biss ir-rata fissa tal-*allowance*. Jiġifieri, għalkemm huwa minnu dak li tgħid l-appellanti illi d-dritt tal-Allowance tat-Tfal huwa dritt ta' kull tifel u mhux dritt tal-kustodju tat-tifel, madankollu ma' dan wieħed irid iżid illi r-rata ta' Children's Allowance mhijiex l-istess għal kulħadd u tiddependi mid-dhul ippercepiet mill-kap ta' dik il-familja li jkun jifforma parti dak it-tifel. Issa dak li qed jigi ikkontestat fil-kaz in dizamina huwa jekk l-appellanti kellhiex tibqa titqies illi hija l-kap tal-familja u jekk ghandhiex dritt tircevi dan il-beneficcju bir-rata applikabbli ghad-dhul taghha. Qatt ma gie lilha imcahhad jew inkella ahjar lil uliedha id-dritt ghal

beneficcju socjali li baqa' dejjem jigi ippercepiet. Kwindi dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment.

Illi imbaghad l-appellanti tilmenta illi d-deċiżjonijiet tad-Direttur u tal-Arbitru huma illegali għaliex ma teżisti ebda disposizzjoni fil-liġi li tippermetti t-tnaqqis fic-Children's Allowance f'każ li ma titħalliex issir spezzjoni mill-ispetturi tad-Dipartiment. Illi d-Direttur appellat qieghed isejjes id-dritt tieghu li jikseb l-informazzjoni mehtiega minn ghand il-beneficcjarja u allura is-setgha lil spettur maħtur taħt dak l-Att li jidħol ġewwa kull fond sabiex jinvestiga fost l-oħrajn jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jinżammu, fuq dak dispost fl-artikolu 97(1)(b):

***"Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna għal xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li - (b) tipproduċi dawk iċ-ċertifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda għall-fini li jiġi stabbilit il-jedd tagħha għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna li d-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jeħtieġ u għal dak il-għan tmur f'dak l-uffiċċju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi".***

Dina id-disposizzjoni tal-ligi tigi indikata, izda mid-Direttur, issa f'sede ta' appell billi kif gustament rilevat mill-appellanti, fid-decizjoni tieghu tal-15 ta' Novembru 2011, imkien ma jindika illi l-azzjoni tieghu kienet qed tittiehed bis-sahha tal-jedd moghti lilu fid-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq iccitata. Illi huwa indisputat illi nuqqas mill-beneficcjarju illi jottempera ruhu ma' dan id-dispost tal-ligi iwassal ghat-telfien tal-jedd tieghu li jircevi il-previdenza socjali:

"***Guridikament apprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment***

***tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-metru ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) ta' l-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni;***[1] *"*

Illi l-appellanti tishaq, madanakollu illi dina id-disposizzjoni tal-ligi ma ghandhiex tapplika ghal kaz taghha u dana ghaliex l-Att dwar is-Sigurta Socjali jimponi espressament is-sanzjoni li ghandha tapplika fil-konfront tal-beneficcjarju meta ikun hemm nuqqas ta' koperazzjoni mal-ispetturi tad-dipartiment u cioe' dak dispost fl-artikolu 113(4) ta'l-Att.

Illi huwa evidenti minn qari ta' dak dispost fl-artikolu 97, illi l-obbligu tal-beneficcjarju huwa marbut strettament mal-ghoti ta' informazzjoni minn naha tieghu meta mitlub jaghmel dan mid-Direttur u dan billi huwa imur fl-ufficju tad-dipartiment jew f'xi post iehor indikat mid-Direttur, meta jigi imsejjah sabiex jaghmel dan biex jaghti l-informazzjoni indikata lilu fl-interpellanza li issirlu ghaldaqstant. Jikkonsegwi ghalhekk illi l-fattispecje ta' dan il-kaz ma jittaljawx ma' dina id-disposizzjoni tal-ligi billi fil-kaz in dizamina id-Direttur inqeda b'mezzi ohra sabiex jikseb l-informazzjoni mehtiega minnu u dana billi gew inkarigati l-ispetturi tad-Dipartiment ghall-Frodi u Investigazzjonijiet sabiex jaghmlu il-verifiki necessarji in konnessjoni mal-intitolament o meno tal-beneficcjarja ghal-allowance tat-tfal bir-rata l-gholja. Illi minn hawn ghalhekk skattaw id-disposizzjonijiet tal-ligi inkwadrati fl-artikolu 112 et sequitur ta'l-Att li jitkellmu dwar is-setghat moghtija lill-Ispetturi, setghat wiesgha li jinvestigaw b'mod generali l-osservanza mill-beneficcjarju tal-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ghoti tal-previdenza socjali, id-dmir tal-beneficcjarju investigat li jikkopera ma'l-istess u is-sanzjoni imposta fuq l-istess beneficcjarju jekk huwa jonqos milli jikkopera mal-ispetturi. Fil-fatt l-artikolu 113(3) jiddisponi:

---

[1] Vassallo Julie Vs Direttur Tas-Sigurta Socjali – 05/03/2010

***"Min ikun joqgħod f'dak il-fond jew lok, u kull persuna oħra li tkun jew li kienet qiegħda timpjega lil xi persuna, u l-qaddejja jew l-aġenti ta' dak li jkun joqgħod hemm jew persuna oħra, u kull persuna impjegata għandhom jagħtu lill-ispettur dik l-informazzjoni kollha u għandhom jipproduċu għall-ispezzjoni dawk id-dokumenti kollha li l-ispettur jista' raġonevolment jeħtieg."***

Id-dmir tal-beneficcjarju hawnhekk huwa differenti minn dak previst fl-artikolu 97 hawn fuq iccitat fejn huwa qed jigi imsejjah mid-Direttur sabiex jaccedi fl-ufficju tad-Dipartiment u ighaddielu l-informazzjoni mehtiega minnu. L-informazzjoni issa trid tinghata direttament lill-ispetturi u fin-nuqqas is-subartikolu 4 jiddisponi:

***"Jekk xi persuna - (a) volontarjament iddewwem jew timpedixxi spettur fit-twettiq ta' xi setgħa taħt dan l-artikolu; jew (b) tirrifjuta li twieġeb jew tonqos li twieġeb xi mistoqsija jew li tagħti xi informazzjoni jew li tipproduċi xi dokument meta tkun meħtieġa li tagħmel hekk taħt dan l-artikolu; jew (ċ) taħbi jew tipprova taħbi lil xi persuna jew iżżomm jew tipprova żżomm lil xi persuna milli tidher quddiem jew tiġi eżaminata minn spettur, għandha meta tinstab ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull piena ogħla li tista' teħel taħt xi liġi oħra, teħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94***)."

Dan ma ifissirx madanakollu illi d-Direttur tas-Sigurta Socjali ma jistax jiehu decizjoni abbazi ta' dak rapportat lilu mill-ispetturi illi tikkoncerna l-ghoti tal-beneficcju skond il-jedd moghti lilu fl-artikolu 106 ta'l-Att fejn huwa id-direttur li jiddeciedi dwar min ghandu il-jedd jircevi l-previdenza socjali u taht liema cirkostanzi. Dana dejjem minghajr pregudizzju ghall-jedd ta' appell jekk il-

beneficcjarju ma jaqbilx ma' tali decizjoni, lill-Arbitru. Dan ghaliex huwa principju legali maghruf illi l-proceduri penali huma ben distinti mill-obbligi naxxenti mid-dritt civili tant ghalhekk illi azzjoni tista' twassal kemm ghal sanzjoni penali kif ukoll ghal wahda civili. Kwindi l-fatt illi l-azzjoni ta'l-appellanti taghti lok ghall-azzjoni penali fil-konfront taghha fejn allura kif tikkontendi hi l-presunzjoni ta'l-innocenza hija ta' importanza fondamentali, ma ifissirx necessarjament illi dan in-nuqqas da parti taghha ma setax iwassal lid-Direttur, gustament o meno jiehu id-decizjoni illi ibiddel ir-rata li biha hija tippercepixxi l-allowance tat-tfal. Id-dmir ta'l-Arbitru, imbaghad, huwa li:

***"il-proċedura għall-konsiderazzjoni u deċiżjoni ta' kull riferenza jew appell lill-Arbitru tkun dik skont ma jiddeċiedi hu, wara li jkun ikkunsidra sew li qed jitwettqu l-prinċipji tal-ġustizzja u ekwità."***

Illi minn ezami akkurat ta'l-atti probatorji quddiem l-Umpire, li huma skarni ghal-ahhar, ma jidhirx illi l-appellanti, ghalkemm assistita mid-difensur taghha, ressqet l-icken prova sabiex twaqqa' l-allegazzjoni maghmula mill-ispetturi illi hija irrifjutat tghaddielhom l-informazzjoni mehtiega. Il-verzjoni taghha dwar l-akkadut ma tiffugurax mill-atti ghalkemm issa bil-jedd taghha ghall-appell kellha kull opportunita tiddefendi l-allegazzjoni maghmula fil-konfront taghha u ghalhekk tissana n-nuqqas imwettaq minnha meta saret l-ispezzjoni mill-ispetturi, izda ghazlet illi ma tressaqx l-icken prova sabiex l-Arbitru ma setax hlief jikkonferma id-decizjoni tad-Direttur.

***"L-osservanza tal-ligi hi haga altament desiderabbli u kull beneficjarju li jircievi l-assistenza mill-gid tal-kollettivita` ghandu jifhem li s-skiet u n-***

***nuqqas ta' kolloborazzjoni tieghu ghandhom il-limiti taghhom u, anzi, jitraducu ruhhom f'dannu ghalih.[2] "***

F'dan is-sens ma hemmx xejn illegali fid-deċiżjoni tad-Direttur u tal-Arbitru anzi jingħad illi dawn kienu teknikament u legalment fondati. In-nuqqas tal-benefiċċjarju illi jħalli l-ispetturi jagħmlu ispezzjoni sabiex jiġbru dik l-informazzjoni li għandhom bżonn u n-nuqqas tal-istess benefiċċjarju illi jikoopera mad-dipartiment tista tirriżulta f'dak il-benefiċċjarju jitlef dak id-dritt tiegħu għall-benefiċċju.

Illi l-appellanti b'mod kontradittorju imbaghad tishaq illi r-raġuni għad-deċiżjoni tal-Arbitru mhumiex ċari u motivati, u ma jindikawx id-disposizzjonijiet illi fuqhom hija ibbażata d-deċiżjoni jew kif inħadem il-perjodu li fih l-appellanti tħallset xi *allowance* żejjed u kif din ġiet komputata.

***"In linea ta' principju generali, din il-Qorti, kif presjeduta, irribadiet f'bosta sentenzi taghha illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni ghaliex hu permezz taghha li l-gudikant jattesta illi effettivament jissussistu elementi probatorji idoneji biex jiggustifika l-konvinciment tieghu. Anke jekk il-motivazzjoni ma ghandhiex ghalfejn tkun elaborata hu dejjem, pero`, mistenni li, almenu, fil-minimu, tinghata r-raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif filfatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat***[3]"

[2] *ibid*

[3] Kruger Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju, 2001

*"**Hemm, imbaghad, aspett iehor li jaqbel li jigi mistharreg. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-kaducita` ta' sentenza hi haga serja hafna u allura, mhux bizzejjed li appellanti li jkun behsiebu jilmenta minn difett ta' motivazzjoni jillimita c-censura tieghu b'mod generiku minhabba allegata inadempjenza formali tas-sentenza mal-vot tal-ligi. Huwa jehtieglu invece juri fil-konkret illi ssubixxa lezjoni. Dan billi jiddemostra fl-ispecifiku illi kontrarjament ghal dak irragunat mill-gudikant jew mill-arbitru, fil-kwadru valutativ ta' l-elementi probatorji, ma kienx hemm raguni li tiggustifika l-***konvinciment ***espress**[4]. "*

Din il-Qorti ma ssibx illi d-deċiżjonijiet tad-Direttur u d-deċiżjoni ta' wara dik tal-Arbitru huma difettużi kif tilmenta l-appellanti f'dan it-tielet aggravju tagħha. L-imsemmija deċiżjonijiet huma ibbażati għal kollox fuq il-fatt illi l-ispezzjoni mill-Ispetturi Investigattivi ma tħallietx issir mill-appellanti u konsegwenza ta' dan id-Direttur appellat issospenda l-ghoti tal-beneficcju fir-rata gholja taghha. Din il-Qorti ma tarax illi dan il-fatt kien jirrikjedi xi motivazzjoni approfondita aktar minn dik illi fil-fatt ingħatat mid-Direttur u mill-Arbitru u jirrizulta mid-decizjoni illi l-allowance gie ridott gahr-rata fissa mid-data meta l-ispetturi ghamlu l-access u allura minn din id-data, skont id-decizjoni stess tad-Direttur, hija bdiet tithallas bir-rata ta' €4.81 fil-gimgha. Għaldaqstant anke dan it-tielet aggravju qed jiġi miċħud.

Ir-raba aggravju huwa msejjes fuq il-fatt illi d-Direttur u l-Arbitru naqsu milli japprezzaw il-ġenwinita tal-każ, u ċioe illi l-appellanti ma reditx tasal tard ix-xogħol li kienet għadha kif tibda. Jiġi osservat illi meta l-Ispetturi Investigattivi marru fir-residenza tal-appellanti fit-13 ta' Jannar 2011, l-appellanti ma ħallietx lill-Ispetturi jidħlu għaliex skont hija, ma kenitx qiegħda tirċievi ebda

[4] Schembri Charles Vs Direttur Tas-Sigurta Socjali Appell Inferjuri , 30 ta' Jannar 2009

benefiċċju soċjali. Hija infurmathom ukoll illi hija kienet fi triqtha lejn ix-xogħol. Pero jirriżulta mir-rapport illi l-Ispetturi spjegaw lill-appellanti illi hija kienet fil-fatt qiegħda tirċievi benefiċċju soċjali, senjalment dak tac-Children's Allownace CA. Huma fil-fatt spjegawlha ukoll li r-rata ta' Children's Allowance tinħadem skont id-dħul tagħha u ta' kwalunkwe sieħeb li jkollha. Jirriżulta lil din il-Qorti mir-rapport illi anke wara din l-ispjegazzjoni mill-Ispetturi u anke wara l-ispjegazzjoni illi r-rifjut tagħha seta' jaffettwa l-benefiċċju tagħha, l-appellanti xorta waħda baqgħet tirrifjuta u tirreżisti illi l-ispetturi jagħmlu l-ispezzjoni tagħhom u dana sabiex b'mod partikolari, kif gie spjegat lilha jigi indagat l-arrangament ta'l-irqad fir-residenza taghha. Id-Direttur, u l-Arbitru warajh, ibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dan ir-rapport. Kif diga inghad, l-appellanti minn naha taghha ma ressqitx provi dwar il-genwinita tal-kaz taghha, kif tallega u kwindi dan l-aggravju jimmerita illi jiġi miċħud, stante illi ma hijiex ġenwina l-appellanti meta tgħid illi hija ma kenitx konxja illi hija kienet tirċievi għajnuna soċjali, in vista tal-fatt illi ġie spjegat lilha illi hija fil-fatt kienet qiegħda tirċevi tali għajnuna. Lanqas hija raġuni valida għalfejn hija ma ħallietx lill-Ispetturi jidħlu jagħmlu l-ispezzjoni, ir-raġuni illi hija ma rieditx tkun tard għax-xogħol. Li tħalli l-ispetturi jidħlu jispezzjonaw il-fond ta' benefiċċjarju u jagħmlu xogħolhom huwa dover u obbligu tal-benefiċċjarju, kif wara kollox ġie imfisser mill-Ispetturi lill-appellanti. Għal dawn ir-raġunijiet, anke dan ir-raba aggravju huwa infondat.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u id-decizjoni appellata ikkonfermata bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------